**A.L. XX tal-2024**

# ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT

# (KAP. 549)

## Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-Ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**
**L.S. 549.149.**

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss, minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

**Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.**

**2.** Ir-Regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwil b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"**Responsabbilità estiża tal-produttur għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik.**
**L.S.549.141.**

7. (1) Il-Ministru f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u l-Aġenzija għandha tistabbilixxi skema jew skemi ta' responsabbiltà estiża għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik li jitqiegħdu fis-suq ta' Malta, skont ir-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur sal-31 Diċembru 2024:

Iżda wkoll is-sajjieda nfushom, eskluż dawk is-sajjieda li jimportaw direttament l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, u l-artiġjani li jagħmlu rkaptu tas-sajd li fih il-plastik ma għandhomx jitqiesu bħala produtturi u ma għandhomx jinżammu responsabbli sabiex jissodisfaw l-obbligi tal-produttur relatati mar-responsabbiltà estiża tal-produttur skont dan ir-regolament.

(2) Produtturi stabbiliti fi Stat Membru ieħor u li jqiegħdu prodotti fis-suq f'Malta għandhom jaħtru persuna ġuridika jew fiżika stabbilita f'Malta bħala rappreżentant awtorizzat għall-finijiet li jissodisfaw l-obbligi ta' produttur relatati ma' skemi ta' responsabbiltàestiża tal-produttur fit-territorju ta' Malta.

(3) Produtturi stabbiliti f'Malta li jbigħu irkaptu tas-sajd li fih il-plastik fi Stat Membru ieħor li fih mhuwiex stabbilit, għandhom jaħtru rappreżentant awtorizzat f'dak l-Istat Membru l-ieħor. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jkun il-persuna responsabbli biex jiġu sodisfatti l-obbligi ta' dak il-produttur, skont dawn ir-regolamenti fit-territorju ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.

(4) Il-Ministru wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u l-Aġenzija għandha tistabbilixxi rata minima nazzjonali ta' ġbir annwali ta' skart ta' rkaptu tas-sajd li fih plastik għar-riċiklaġġ.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tissorvelja u tiġbor data dwar irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq kif ukoll irkaptu tas-sajd li fih il-plastik miġbur.

**L.S. 499.71.**

(6) Fir-rigward tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti skont is-subregolament (1), il-Ministru wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u l-Aġenzija għandha tiżgura lil-produtturi ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik ikopru l-ispejjeż tal-ġbir separat tal-iskart ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik li twassal fil-faċilitajiet portwali fejn jintlaqa' l-iskart skont ir-Regolamenti dwar il-Faċilitajiet Portwali fejn Jintlaqa' u jkun Ikkunsinnat l-Iskart minn Bastimenti jew ġabra oħra ekwivalenti għas-sistema ta' ġbir li taqa' barra mill-ambitu ta' dawk ir-regolamenti u l-ispejjeż sussegwenti għat-trasport u trattament. Il-produtturi għandhom ikopru wkoll l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu għarfien imsemmija fir-regolament 12 rigward irkaptu tas-sajd li fih il-plastik.

Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan is-subregolament jissupplimentaw ir-rekwiżiti applikabbli għall-iskart minn bastimenti tas-sajd fil-liġi ta' Malta u tal-Unjoni Ewropea dwar il-faċilitajiet portwali fejn jintlaqa' l-iskart.

(7) Bla ħsara għall-objettivi oħra stabbiliti f'dan ir-regolament, il-Ministru wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u l-Aġenzija jista' jiddeċiedi li jilħaq l-objettivi stabbiliti għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik permezz ta' ftehimiet bejn l-awtorità kompetenti u s-setturi ekonomiċi kkonċernati. Tali ftehimiet għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-ftehmiet għandhom ikunu infurzabbli;

(b) il-ftehmiet għandhom jispeċifikaw objettivi mad-dati ta' skadenza korrispondenti;

(c) il-ftehmiet għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta u trażmessi lill-Kummissjoni Ewropea;

(d) ir-riżultati miksuba taħt ftehim għandhom ikunu ssorveljati regolarment, irrappurtati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni u magħmula disponibbli għall-pubbliku taħtil-kondizzjonijiet stipulati fil-ftehim;

(e) l-awtorità kompetenti għandha tagħmel dispożizzjonijiet biex teżamina l-progress li jintlaħaq taħt ftehim; u

(f) f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' ftehim, il-Ministru wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u l-Aġenzija għandha jtimplimenta d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawn ir-regolamenti b'miżuri leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi.

**Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.**

**3.** Fir-Regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fis-Sezzjoni III tat-Taqsima Ċ tal-Iskeda 1 u, jew" għandhom jitħassru.

**Jemenda Skeda 1 tar-regolamenti prinċipali.**

**4.** Sezzjoni III tat-Taqsima Ċ tal-Iskeda 1 għandha tithassar.